MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2009

Citazzjoni Numru. 925/2005

**Citadel Insurance p.l.c. (C 21550)**

**vs**

**Paul Gatt**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors.

B`avvizipprezentat nhar it-3 ta` Settembru, 2004 (kopja legali tieghu hawn annessa u mmarkata Dok. C) is-socjeta` attrici sejhet lill-konvenut quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex jghid ghaliex m`ghandux ikun ikkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` elfejn, tlett mija u tlieta u sebghin lira Maltija (Lm2,373), jew somma ohra verjuri, li l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) joghgobha takkorda, jekk hemm bzonn

bl-opra ta` perit jew periti nominandi, liema somma tirraprezenta danni sofferti minn Anthony Sammut Alessi fl-incident awtomobilistiku tat-28 ta` April, 2002 fi Triq Duramblat, Mosta, bejn il-vettura bin-numru ta` registrazzjoni OAS 515 misjuqa minn Bernd Krahwinkel u proprjeta` tal-imsemmi Anthony Sammut Alessi, u l-vettura bin-numru ta` registrazzjoni IBB 823 misjuqa mill-konvenut, ghall-liema danni ghamlet tajjeb is-socjeta` attrici u prevja d-dikjarazzjoni, jekk hemm bzonn li l-imsemmi incident gara b`tort unikament tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja, u nuqqas ta` tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti l-istess konvenut.

L-avviz tat-3 ta` Settembru, 2004 ippremetta wkoll illi l-konvenut ghalkemm kien gie interpellat, anke permezz ta` ittri ufficjali, rispettivament tat-18 ta` Marzu, 2002 (kopja legali taghha hawn annessa u mmarkata Dok. A), u tal-21 ta` Jannar, 2004 (kopja legali taghha hawn annessa u mmarkata Dok. B), huwa baqa` inadempjenti.

Bl-istess avviz il-konvenut gie msejjah ukoll ihallas l-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tat-18 ta` Marzu, 2002, u tal-21 ta` Jannar, 2004 u tal-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment mal-istess avviz, kontra s-socjeta` assikurattrici tal-konvenut ai termini tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta` Malta, u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha, kontra l-istess konvenut, in subizzjoni.

B`nota tal-eccezzjonijiet tal-25 ta` Ottubru, 2004, il-konvenut eccepixxa *inter alia* it-talba tas-socjeta` attrici hija preskritta a tenur tal-Art. 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta.

Wara li l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) ordnat illi l-provi jkunu limitati ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut, u wara li s-socjeta` attrici pprezentat kopja legali taz-zewg ittri ufficjali rispettivament tat-18 ta` Marzu, 2002, u tal-21 ta` Jannar, 2004, u wara li fis-seduta tal-24 ta` Mejju, 2005 l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) ddifferiet il-kawza ghas-sentenza parzjali fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-

attur, dik il-Qorti, b`sentenza tal-31 ta` Mejju, 2005 laqghet l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut rigwardanti l-preskrizzjoni tal-azzjoni a tenur ta` l-artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta` Malta u ddikjarat l-azzjoni attrici preskritti, bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici.

Is-sentenza tal-31 ta` Mejju, 2005 inghatat bil-qerq tal-appellat u/jew b`effett ta` zball li jidher mill-atti u mid-dokumenti tal-kawza, liema sentenza fil-fatt giet appellata.

Dan il-qerq u/jew zball jikkonsisti fil-fatt illi filwaqt li skond ir-riferta tal-ittra ufficjali tat-18 ta` Marzu, 2002, u tal-avviz tat-3 ta` Settembru, 2004, ipprezentati kontra l-konvenut, jidher li l-konvenut kien jirresjedi fl-indirizz indikat f`dawn l-atti, skond ir-riferta tal-ittra ufficjali tal-21 ta` Jannar, 2004, ossija l-ittra ufficjali li giet ipprezentata kontra l-konvenut wara l-ewwel ittra ufficjali u qabel l-avviz, il-konvenut ma kienx ghadu joqghod fl-indirizz indikati fiz-zewg atti l-ohra in kwistjoni.

Huwa inverosimili li l-konvenut biddel l-indirizz.

Talbu lil konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

1. Tiddikjara illi r-riferta tal-ittra ufficjali tal-21 ta` Jannar, 2004 hija nulla stante li hija rizultat ta` zball u/jew qerq.

2. Tordna l-korrezzjoni tar-riferta tal-ittra ufficjali tal-21 ta` Jannar, 2004 fis-sens li r-riferta ghandha tkun posittiva.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta.

1. <u>In linea preliminari</u>, l-inkompetenza ta` din il-Qorti *"ratione materiae"*.

2. <u>Fil-mertu</u>, l-ewwel talba ghandha tkun michuda stante li r-referta tal-ittra ufficjali tal-21 ta` Jannar, 2004 indikata fil-

premessi tac-citazzjoni attrici hija valida ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

3. Ghalhekk it-tieni talba ghandha tkun respinta stante li r-referta ghandha tibqa` negattiva kif kien indikat fl-att gudizzjarju in kwistjoni.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Rat id-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni preliminari.

Ikkunsidrat illi b`din l-azzjoni s-socjeta` attrici qed titlob dikjarazzjoni minghand din il-Qorti li riferta fi proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati hija nulla.

Il-konvenut jirribatti billi jghid li din il-Qorti m`hijiex kompetenti *"rationae materae"* biex tiehu konjizzjoni ta` din il-kawza.

Il-Qorti tikkonsidra illi dak li qed jigi attakkat f`din il-kawza hija n-notifika ta` ittra ufficcjali li saret fil-Qorti tal-Magistrati u li, in segwitu ghaliha, l-istess Qorti tal-Magistrati ppronunzjat ruhha. Din id-decizjoni kienet giet konfermata mill-Qorti tal-Appell.

L-azzjoni odjerna hija essenzjalment accessorja ghal dawk il-proceduri originali li kienu fil-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati. Il-Qorti ma taqbilx mat-tezi tas-socjeta` attrici li t-talba taghha hija ta` valur indeterminat. Il-valur tat-talba odjerna huwa essenzjalment radikat fil-valur tal-kawza originali, u ghalhekk jaqa` fil-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati.

Ghal dawk ir-ragunijiet, il-Qorti taqta` u tiddeciedi billi tilqa` l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, u tiddikjara li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mis-socjeta` attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------